MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2009

Citazzjoni Numru. 32/2008

**JOSEPH BUGEJA [ID Nru. 239454]**

**vs**

**KORPORAZZJONI GHAS-SERVIZZI TAL-ILMA**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-attur fil-11 ta' Jannar, 2008, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :
Illi fit-30 ta' Gunju 2004, ghal habta ta' 22.45, gewwa Hal-Balzan, waqt li l-esponent, flimkien ma' haddiehor, kien qed jaghmel xoghol ta' thaffir konness ma' "main pipe" tal-ilma, fuq inkariku u struzzjonijiet tal-korporazzjoni intimata, li maghha huwa impjegat, b'ghodda fornita mill-istess korporazzjoni intimata, huwa garrab korriment serju f'riglu tal-lemin u qed ibati minn debilita' permanenti. (<u>DOK A u DOK B</u>);

Illi konsegwenza tal-incident, l-esponent garrab “damnum emergens” fosthom spejjes ghal kura inkluz spejjes ta’ tobba u medicini, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi konsegwenza tal-istess incident, l-esponent garrab ukoll “lucrum cessans” minhabba d-debilita’ permanenti riskontrata u accertata.;

Illi ghall-incident u konsegwenti korriment li garrab l-esponent kienet tahti unikament il-korporazzjoni intimata ghaliex ghad li b’effett tal-Art.9 tal-Kap.452 tal-Ligijiet ta’ Malta, id-disposizzjonijiet tal-Kap.424 tal-Ligijiet ta’ Malta u tar-regolamenti vigenti bis-sahha tal-istess Kap.424 jaghmlu parti mill-kondizzjonijiet tal-impieg tal-esponent, il-korporazzjoni intimata bhala “employer” tal-esponent naqset li tizgura s-sahha u s-sigurta’ tieghu waqt il-qadi ta’ dmirijietu bi ksur tal-Art.6 tal-Kap.424 u tad-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 36 tal-2003. Ghalhekk trid taghmel tajjeb hi ghad-danni versu l-esponent;

Illi bhala parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu, l-esponent kien ukoll kopert minn “personal accident insurance policy”. Nonostante c-cirkostanzi ta’ l-incident u l-konsegwenzi tieghu, l-esponent baqa’ ma thallasx tal-beneficcji kollha li ghalihom kien intitolat;

Illi minkejja li l-korporazzjoni intimata kienet interpellata ufficjalment sabiex taghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tar-rikorrent, hija baqghet inadempjenti;

Talab ghalhekk li l-korporazzjoni konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara lill-korporazzjoni intimata unikament responsabbli ghall-incident fuq deskritt u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent;

2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrent, occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-korporazzjoni intimata sabiex thallas lir-rikorrent dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;

4. Tiddikjara li l-korporazzjoni intimata ma effettwatx a favur tar-rikorrent il-hlas tal-beneficcji li ghalihom ir-rikorrent kellu dritt skond il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-"personal accident insurance policy" li bis-sahha taghha l-esponent kien kopert;

5. Tillikwida l-beneficcji li ghalihom l-esponent kellu dritt u li baqa' ma ma thallasx skond il-polza fuq riferita;

6. Tikkundanna lill-korporazzjoni intimata sabiex thallas lir-rikorrent dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu skond il-pattijiet u kondizzjonijiet tal-"personal accident insurance policy" fuq riferita;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Lulju 2007 u tat-3 ta' Ottubru 2007, u bl-imghax legali kontra l-korporazzjoni intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta' xhieda tal-attur;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li *in forza* taghha hija eccepiet :

Illi d-domandi tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur ghas-segwenti ragunijiet :
1. Illi in linea preliminari it-talbiet huma kollha preskritti skond il-ligi bi preskrizzjoni ta' sentejn;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghar-rigward tat-taiba attrici ghall-hlas ta' beneficcju, ghandha tissejjah fil-kawza s-socjeta' Montaldo Insurance Agency Limited;
3. Illi subordinatament u bla pregudizzju gliall-premess, l-incident in kwisjtoni gara tort unikament ta' l-istess rikorrenti u dana kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; u

4. Sussidjarament u bla pregudizzju ghall-premess l-allegat disabilita' mhux relatat u/jew konsegwenzjali tal-incident mertu tal-kaz u dana ukoll kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kaz;
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma;

Rat id-digriet taghha tat-22 ta’ April, 2008 illi permezz tieghu hatret lil Dr Anna Mallia bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tisma l-provi limitatament dwar l-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju Dr Anna Mallia.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ Mejju 2008 fejn il-partijiet qablu illi l-incident illi minhabba fih saret l-azzjoni attrici sehh fit-30 ta’ Gunju 2004. Il-partijiet qablu wkoll illi l-atturipprezenta zewg ittri ufficjali, l-ewwel wahda fit-12 ta’ Lulju 2007 li giet notifikata lill-korporazzjoni konvenuta fis-17 ta’ Lulju 2007 u ittra ufficjali ohra ipprezentata mill-attur fit-3 ta’ Ottubru 2007 li giet notifikata lill-Korporazzjoni konvenuta ghas-Servizzi tal-Ilma fid-9 ta’ Ottubru 2007.

Rat illi f’dik is-seduta Dr Ivan Gatt ghall-Korporazzjoni konvenuta eccepixxa il-preskrizzjoni ta’ sentejn u, bis-sahha tad-dikjarazzjoni kongunta, issottometta illi s-sentejn skadew.

Illi mitlub mill-Assistent Gudizzjarju sabiex jikkwota l-Artikolu tal-Ligi illi a bazi tieghu kien qieghed jecepixxi l-preskrizzjoni, Dr Gatt ghall-Korporazzjoni konvenuta, naqas milli jaghmel dan.

Rat ukoll illi waqt l-istess seduta Dr Ivan Gatt ghall-korporazzjoni konvenuta ipprometta illi kien ser jaghmel nota ta’ osservazzjonijiet dwar l-ewwel eccezzjoni tieghu fi zmien gimgha minn dakinhar tas-seduta bil-visto tal-kontro-parti u l-attur ikollu zmien gimgha biex jirrispondi.

Rat illi minkejja illi saret din id-dikjarazzjoni ma saret l-ebda nota ta' l-osservazzjonijiet jew ta' referenzi mill-korporazzjoni konvenuta, izda gietipprezentata biss nota ta' osservazzjonijiet u referenzi tal-attur dwar l-eccezzjoni tal-Preskrizzjoni fl-24 ta' Gunju 2008.

Rat ukoll illi Dr Ivan Gatt ghall-korporazzjoni konvenuta gie notifikat b'din in-nota ta' osservazzjonijiet u referenzi fuq imsemmija fis-26 ta' Gunju 2008, izda madanakollu ma dahlet l-ebda nota minn naha tal-korporazzjoni konvenuta.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-attur korra fit-30 ta' Gunju tal-2004 meta kien qieghed jaghmel xoghol fuq inkarigu tal-korporazzjoni konvenuta fuq struzzjonijiet ta' l-istess korporazzjoni li maghha kien impjegat f'dak iz-zmien.

Illi l-attur, sabiex isostni il-kawzali ghall-ewwel tlett talbiet tieghu u cioe' dawk illi jittrattaw il-mertu ta' l-incident bhala tali, qieghed jinvoka fl-ewwel lok l-applikazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Kap 452 u fit-tieni lok l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolamenti operattivi bis-sahha ta' l-istess Kap. 424, fosthom l-Avviz Legali 36 tal-2003.

Ikkunsidrat :

Illi l-Artikolu 9 tal-Kapitolu 452 jghid hekk :

"Safejn ghandhom x'jaqsmu kondizzjonijiet ta' l-impieg, id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Awtorità ghas-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol u ta' xi regolamenti maghmulin tahtu ghandhom jitqiesu li jifformaw parti mill-kondizzjonijiet maghrufin ta' l-impieg ta' impjegati li ghalihom jghoddu dawk id-disposizzjonijiet jew dawk ir-regolamenti u ghandu jkollhom, malli jigu fis-sehh, l-istess

effett bhallikieku kienu ordnijiet ta' *standard* nazzjonali jew ordnijiet biex jigi regolat settur."

Illi l-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta huwa l-Att Dwar l-Awtorita Dwar is-Sahha u Sigurta fuq il-post tax-xoghol.

Illi meta sehh l-incident ta' l-attur, kemm il-Kapitolu 424, kif ukoll il-Kapitolu 452 kienu fis-sehh.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti tara illi jezisti rapport kontrattwali bejn l-attur li maghha kien impjegat fil-hin meta sehh l-incident in kwistjoni u il-korporazzjoni konvenuta.

Illi tali rapport jimponi b'obbligu fuq min ihaddem illi jaddotta l-harsien ta' l-impjegati tieghu, mhux biss dawk il-mizuri specifiki tassattivament imposti mill-Ligi u mir-Regolamenti in relazzjoni ghall-attivita ezercitata, imma wkoll b'mod generali dawk il-mizuri dettati mill-prudenza komuni u mill-esperjenza li jkunu hekk mehtiega ghat-tutela tal-haddiem.

Illi fil-korp tal-Ligijiet taghna insibu rikonoxxut dan l-obbligu normattiv tat-tutela taht l-Att Dwar l-Awtorita ghas-Sahha u is-Sigurta fuq il-post tax-xoghol (Kapitolu 424) senjatament l-Artikolu 6 tieghu, konsistenti f'dawk il-mizuri li ghandhom jittiehdu minn min ihaddem biex jevita dannu fiziku u psikologiku, korriment jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol. Att li hu estendibbli bhala parti mill-pakkett tal-kondizzjonijiet ta' impjieg bl-Artikolu 9 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452). (Vide Sentenza ta' din il-Qorti tas-6 ta' Dicembru 2006 fl-ismijiet "Carmena Fenech, Dorothy Fenech u James Fenech kontra Ic-Chairman tal-Malta Drydocks in rapprezentanza taghha et"

Illi minn din is-sentenza johrog illi min jikser dan il-vinkolu guridiku kontrattwali huwa espost ghal konkors flimkien ta' l-azzjoni extra-kontrattwali tar-responsabilita`, ex-artikoli 1031 u 1032 (1) tal-Kodici Civili, u dik kontrattwali bazata

fuq il-ksur ta’ l-obbligi posti mil-ligijiet fuq min ihaddem ghall-iskansar tad-dannu fuq il-persuna tal-haddiem;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat ukoll illi dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna illi “il-preskrizzjoni ta’ sentejn imsemmija fl-Artikolu 1917 ta’ l-Ordinanza VII ta’ l-1868 (illum, Artikolu 2153 tal-Kodici Civili), hija applikabbli ghad-danni extra-kontrattwali jigifieri li gejjin mhux minn inadempjenza ta’ obbligazzjoni imma ‘*ex delictu vel quasi*’. Meta d-danni huma ‘*ex contractu*’, ghax gejjin minn vjolazzjoni ta’ obbligazzjoni, il-preskrizzjoni hija ta’ hames snin u mhux ta’ sentejn” (Vol. XXIX P I p 1340).

Ikkunsidrat :

Illi l-attur fis-sentenzi illi huwa esebixxa issottometta illi fil-kaz odjern id-danni huma ‘*ex contractu*’ u mhux necessarjament ‘*ex delictu’* jew ghal *“culpa aquiliana”* u per konsegwenza il-preskrizzjoni applikabbli hija tal-hames snin.

Illi ghar-rigward tal-bqija tat-talbiet l-ohra attrici l-attur issottometta illi anke f’dan ir-rigward ma tistax tregi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentejn, ghaliex permezz taghhom l-attur qieghed jirreklama hlas ta’ beneficcji skond personal accident insurance policy li taghmel parti mill-kuntratt tax-xoghol tieghu u il-fatt illi hemm din il-polza ta’ assikurazzjoni u li din tirrizulta mill-kuntratt tax-xoghol ta’ l-attur huma zewg fatturi li mhux kontestati mill-korporazzjoni konvenuta, kif jirrizulta mir-risposta mahlufa taghha. Huwa manifest ghalhekk illi dawn it-talbiet huma ‘*ex contractu*’ u l-preskrizzjoni applikabbli hija dik tal-hames snin.

Ikkunsidrat :

Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din l-eccezzjoni billi filwaqt illi tiddikjara illi taqbel mat-tezi tal-attur u filwaqt illi ikkunsidrat illi l-incident gara fit-30 ta’ Gunju 2004 u r-rikors guramentat odjern gie

ipprezentat fil-11 ta' Jannar 2008 u illi anke saru ittri ufficjali illi gew notifikati lill-korporazzjoni konvenuta, tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tiddikjara illi t-talbiet attrici m'humiex preskritti u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

Bl-ispejjez kontra l-korporazzjoni konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------